MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 408/2014

Appell Nru: 408/2014

Il-Pulizja

Vs

Michael Vella

Illum 26 ta' Frar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Vella, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 384356M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk maghmulha fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda ghax-xhur minn Awwissu, 2013 sa Mejju, 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Rita Vella u/jew lill-ulied is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-13 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahrejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tannulla thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu.

Assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, jintalab ukoll li f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma taghzilx jew ma tkunx tista' tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm jigu decizi l-proeduri civili li fihom huwa involut l-esponent kontra l-parte civile jew tikkonsidra li minkejja dak spjegat permezz ta' dan l-umli appell, xorta wabda tqis lill-esponent hati tal-akkui mressqin fil-konfront tieghu jintalab umilment li ta' 1-inqas din 1-Onorabbli Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza appellata b'mod li minflok terminu effettiv ta' prigunerija, tinghata minflok, sentenza sospiza, jew twiddiba u canfira ai termini tal-artikoli relattivi tal-Kodici Kriminali u cioe' l-artikoli 28A u l-artikolu 15, rispettivament anki tenut kont li din kienet l-ewwel akkuzi ta' din ix-xorta li l-esponent gie rinfacjat biha, jew li fl-aghar ipotesi jekk din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha xorta wahda tordna li jkun hemm piena ta' prigunerija effettiva, ghalkemm umilment jinhass li dan ma ghandux ikun il-kaz, ikun hemm tnaqqis sostanzjali tat-terminu ta' prigunerjia effettiva li huwa gie ordnat li jiskonta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Michael Vella esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-fatt li l-esponent iqis li huwa ma kellux jinstaghab hati tal-akkuzi kif detotti fil-konfront tieghu, , fi kwalunkwe kaz, jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li xorta wahda ghandha ssib htija, jintalab umilment li l-fatti hawn fuq spjegati jigu apprezzati fil-kuntest tal-piena li kellha tigi inflitta fil-konfront tieghu li umilment jinhass li kellha tkun ferm anqas minn dik moghtija, li kieku stess kellha tinstab htija.

Illi wara kollox, bhala konferma ta' meta verament ikunu jistghu jitqiesu li jkun hemm l-estremi sabiex tinghata sentenza ta' prigunerija effettiva, wiehed isib li l-proviso ii wiehed isib fi-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali jaghmilha ara li:

Izda wkoll meta l-hati jkun retidiv f'kontravvenzjoni taht dan il-paragrafu l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal mien mhux izjed minn xahrejn;

Illi dan il-proviso jidher li jirrifletti l-artikolu 53 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li:

*53. Meta persunci ikkundannata ghal kontravvenzjoni taghmel kontravvenzjoni ohra fi zmien tliet xhur mill-jum li fih tiskonta jew tigi mahfura l-piena, tista' tehel detenzjoni ghal zmien mhux izjed minn xahrejn, Jew multa, inkella l-prigunerija ghal mien mhux izjed minn xahar.*

Illi mill-proviso tal-artikolu 338 (z) u mill-artikolu 53 hawn fuq elenkati ghandu jidher car illi sentenza ta' xahrejn prigunerija kienet wahda tassew ecessiva meta wiehed iqis li dan hu l-massimu li jinghata meta persuna tkun instaghbet rcediva,

mentri fil-kaz odjern, l-akkuzi li taghhom l-esponent instab hati kienu l-ewwel akkuzi ta' din ix-xorta li tressqu fil-konfront tieghu u b'hekk ma kienx
recediv.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artikolu 7(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li:

*(2) Bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi ligi specjali ohra, il-pieni li jistghu jigu moghtija ghall -kontravvenzjonijiet huma -*

*(a) id-detenzjoni;*
*(b) l-ammenda;*
*(c) ic-canfira jew it-twiddiba.*

Illi l-artikolu 338 jaghmilha ara li "Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min-' li b'hekk il-piena li kellha tinghata kellha tkun wahda ghal kontravenzjoni li kellha tidhol fil-parametri ta' dak imsemmi fi-artikolu 7(2) li ghadha kemm saret referenza ghalih.

Illi ghalkemm din l-Onorabbli Qorti taf tikkonsidra dak konsidrat f'sentenzi ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'kazijiet simili, fejn gie meqjus li meta l-manteniment ma jkunx thallas ghal diversi xhur, tkun tista' tinghata applikazzjoni ghall-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali a bazi tal-konsiderazzjoni li jkun hemm reat kontinwat bil-konsegwenza li l-piena ghar-reat li jkun qed jigi kkontemplat jizdied bil-mod kif stabbilit fi-artikolu 31 (g) tal-istess Kodici, jinghad pero' li dan kollu ma kien xorta wabda bl-ebda mod jostakola lill-ewwel Qorti li tapplika l-artikolu 28A billi tordna li s-sentenza ta' prigunerija tkun wahda sospiza ai termini ta' dak provdut fi-istess artikolu tal-Kodici Kriminali. Fil-kaz odjern, dan ma sarx minkejja li certament ghandu jitqies li hemm ragunijiet sufficjenti li jippermettu li din il-possibilita' tigi attwata ladarba s-sentenza ta' prigunerija ma teccedix is-sentejn.

Effettivament l-Ewwel Qorti setghet, u din l-Onorabbli Qorti tista' f'kaz illi xorta wahda tqis li ghandha ssib htija, tirriforma s-sentenza appellata b'mod illi l-piena effettiva tinbidel ghal piena anqas severa jew ghal sentenza sospiza jew sahansitra ghal sentenza ta' semplici twiddiba u canfira.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fl-1 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet il-Pulizija vs Mario Gafa' (Appell Kriminali 259/2010) li ghalkemm tirreferi ghal cirkostanzi xi ftit differenti u ghalkemm taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet li ma humiex kondivisi f'dan l-appell, eventwalment xorta wahda, tal-inqas, iddecidiet, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li minflok piena ta' sentenza ta' xahar prigunerija sospiza ghal sena, applikat l-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 u widdbet lill-appellant sabiex ma jergax.

F'dan il-kaz jinhass umilment li jekk din l-Onorabbli Qorti ma taghzilx jew ma tkunx tista' tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm jigu decizi l-proceduri Civili li fihom huwa involut l-esponent kontra l-parte civile, tenut ukoll tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, hemm bizzejjed ragunijiet li juru li ladarba l-esponent effettivament irrikorra ghall-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex is-sitwazzjoni dwar il-manteniment tigi ndirizzata izda minghajr tort tieghu, tali proceduri ghadhom pendenti, u li b'hekk dan mhux kaz fejn persuna semplicement iddecidiet li ma thallasx manteniment b'kapricc izda sabet ruhha f'sitwazzjoni li timxi b'dan il-mod minhabba ragunijjiet validi (inkluzi dawk li jikkonernaw l-aspett finanzjarju kif diga' spjegat) hemm bizzejjed ragunijiet li ghandhom iwasslu ghal riforma u tibdil fil-piena li inghatat fil-konfront ta' l-esponent f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti tqis li ghandha tikkonferma sejbien ta' htija.

Ikkunsidrat:

Skont digriet numru 368/2006/1 tad-disgha (9) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant kien ordnat ihallas lill-parti leza Rita Vella l-ammont ta' mitejn u hamsin

ewro (€250) bhala manteniment ghaliha u ghal binthom Lindsay Vella. Jidher illi l-appellant mhuwiex qed ikun regolari fil-hlas ta' manteniment u fis-sebgha (7) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014), Rita Vella ghamlet kwerela fejn talbet lill-pulizija sabiex jiehu passi kontra l-appellant talli kien moruz fil-hlas ghax-xhur ta' Awwissu elfejn u tlettax (2013) sa Mejju elfejn u erbatax (2014). Bdew dawn il-proceduri u b'sentenza tat-tlettax (13) ta' Ottubru elfejn u erbatax (2014) (fol 31) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati u ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti apprezzat b'mod inkorrett il-fatti rilevanti u ma kellhiex tinstab htija fil-konfront tal-appellant. Ilmenta ukoll illi fis-sentenza ma hemm ebda motivazzjoni il ghala l-Qorti sabet lill-appellant hati u li tatu dik il-piena partikolari. Ghamel riferenza ghall-kwistjoni civili ghaddejjin bejn il-partijiet u li ma jistax ikompli jhallas dawk l-ammonti peress illi n-negozju tieghu mhuwiex sejjer tajjeb. Il-parti leza tahdem u ghandha l-flus u di più ghandha taghti ammont konsiderevoli lill-appellant ghal sehemu tad-dar illi giet assenjata lilha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-appellant ilmenta illi din kienet l-ewwel darba illi waqa' lura bil-pagamenti u l-piena hija esagerata ghal "first time offender".

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ilment procedurali din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza inkwistjoni liema sentenza inghatat bi proceduri sommarja, kwindi f'dan il-kaz kulma kellu jkun hemm kien biss riferenza ghall-fatti kif jidhru fic-citazzjoni, jissemmew l-artikoli tal-ligi u l-Qorti taghti s-sentenza taghha. Dawn ir-rekwiziti gew osservati mill-ewwel Qorti u m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni

dettaljata tas-sentenza taghha kif normalment isir meta l-procedura ma tkunx sommarja. Ghalhekk minn dan l-att l-aggravju tal-appellant qed jigi michud.

Rigward l-aggravju l-iehor illi hemm kwistjonijiet civili ghaddejjin bejn il-partijiet din il-Qorti tqis illi dawn il-proceduri huma ghal kollox irrelevanti ghal din il-kawza. Hawnhekk si tratta ta' procedura taht il-Kodici Kriminali minn fejn jirrizulta car u inkontestat illi l-appellant ghandu kontra tieghu digriet ta' Qorti sabiex ihallas manteniment lil martu u lil bintu. Dan id-digriet ghadu vigenti sal-lum u l-appellant ma jistax imur kontra d-dettami ta' dan id-digriet b'decizjonijiet unilaterali peress illi deherlu illi mhux qed jaqla' flus bizzejjed biex ihallas manteniment.

Fil-kawza Il-Pulizija versus Anthony Saliba (Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta' Lulju 1998) intqal, "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivment u fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (Ara ukoll Il-Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002 u Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009)." Evidentement is-sentenza tal-ewwel Qorti ma kinitx bizzejjed biex issir pressjoni fuq l-appellant sabiex jonora l-obbligazzjonijiet tieghu u baqa' jippersisti bl-iskuza irrilevanti illi hemm pendenti bejn il-partijiet kwistjonijiet civili.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-mertu din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti peress illi agixxiet b'mod ragjonevoli u legali.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolartur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. L-appellant qieghed jargumenta illi l-ewwel Qorti tat sentenza gravuza wisq fil-konfront tieghu meta si tratta illi din kienet l-ewwel darba illi huwa waqa' lura fil-pagamenti u bhala "first time offender" kellu jigi trattat ahjar. Din il-Qorti però tirrileva illi l-appellant huwa fil-fatt "habitual defaulter" ghal dak li jirrigwarda l-manteniment dovut lil martu u mhuwiex veru illi din kienet l-ewwel darba illi waqa' lura fil-pagamenti. Minn ezami akkurat tal-fedina penali tieghu jirrizulta illi l-appellant ilu jittella' l-Qorti fuq dawn il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' hlas ghal mill-anqas tmien (8) snin u jihder illi t-taghlima s'issa ghadu ma hadhiex. Ghalhekk, peress illi s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi u peress illi l-appellant huwa "habitual defaulter" din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni sabiex tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti anke ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------